**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 3 TA' OTTUBRU, 2001

**Numru: 12**

**Avviz Nru: 591/01 AE**

**Alfa Company Limited**

**Vs**

**Tonio Cardona**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata u ghal servizzi rezi.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jixhed bil-gurament u jikkonferma l-avviz tat-talba u li l-hlas ghadu dovut.

Ra li l-konvenut naqas milli jidher fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2001 u dik tal-lum, kif ukoll ma pprezentax risposta fit-terminu stabbilit mil-ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez inkluzi d-drittijiet legali jithallsu wkoll mill-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**